14.4.2010 A7-0055/18

**Emenda 18**
**Elisabeth Schroedter**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0055/2010**
**Evgeni Kirilov**
Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u ma' ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-amministrazzjoni finanzjarja
COM(2009)0384 – C7-0003/2010 – 2009/0107(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 12 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(12a) Minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u meta jitqies l-impatt serju u bla preċedenti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali fuq il-baġits tal-Istati Membri, jinħtieġ pagament addizzjonali bħala prefinanzjament għall-2010 għall-Istati Membri l-aktar milquta mill-kriżi, sabiex jippermetti likwidità regolari u biex jiffaċilita l-ħlasijiet lill-benefiċjarji matul l-implimentazzjoni tal-programm. L-Istati Membri jeħtiġilhom jipprovdu l-pubblikazzjoni fil-ħin ta' informazzjoni online fuq proġetti ewlenin u proġetti ta' bejn EUR 25 miljun u EUR 50 miljun kemm jista' jkun malajr wara li l-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni għall-finanzjament minn Stat Membru u qabel kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tagħhom, inkluż l-aċċess dirett għad-dokumentazzjoni tal-proġett (l-applikazzjoni, l-istudju ta' fattibbiltà, l-analiżi tal-benefiċċju fil-konfront tan-nefqa, u l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, eċċ.); din il-paġna tal-internet tal-Kummissjoni għandha tippermetti s-sottomissjoni ta' kummenti rigward dawn il-proġetti.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità